Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Mejju 2017

Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex l-Insara fl-Afrika jimitaw lil Ġesù, mimli ħniena, u jagħtu xhieda profetika ta' rikonċiljazzjoni, ġustizzja u paċi.**

**Ninġabar:**

Inkun konxju/a tan-nifs waqt li qed nieħdu 'l ġewwa u noħorġu 'l barra bil-mod. Ninfetaħ biex inħoss il-preżenza ta' Alla. Waqt li nidħol f'dan il-mument ta' riflessjoni u talb, nitlob lil Alla din il-grazzja – biex l-Insara fl-Afrika jkunu xhieda profetika ta' rikonċiljazzjoni, ġustizzja u paċi.

**Fatt ċkejken:**



Siġra tal-*baobab*

Dun Joseph G. Healey jgħix f'Nairobi l-Kenja u jirrakkonta din l-esperjenza:

Darba minnhom it-trakk tiegħi ġratlu l-ħsara fi triq minn Maswa għal Bariadi fin-naħa tal-Punent tat-Tanżanija. Wara li stennejt għal xi nofs siegħa, waqaf vann tal-Coca-Cola u x-xufier, li jismu Musa, ġibed it-trakk tiegħi lejn ir-raħal li kien hemm fil-qrib. Din hija għajnuna reċiproka u ta' ħbiberija li tingħata ta' spiss fit-toroq mimlijiet trabijiet li għandna. Waqt li konna qed insuqu lejn dan ir-raħal poġġejt fuq wara tal-vann tiegħu u tkellimna dwar ħafna suġġetti, fosthom, ir-reliġjon. Musa huwa Musulman li jifforma parti mill-grupp etniku Nyamwezi.

Waqt li kien qed jikkummenta dwar it-tensjoni bejn l-Insara u l-Musulmani fit-Tanżanija, huwa qal, "Hemm biss Alla wieħed. Alla hu bħal siġra kbira tal-Baobab li għandha ħafna friegħi li jirrappreżentaw ir-reliġjonijiet differenti; tal-Iżlam, l-Insara, ir-reliġjon Afrikana u oħrajn. Dawn il-friegħi huma parti mill-istess familja ta' Alla – u għalhekk għandna naħdmu lkoll flimkien". B'sempliċità kbira, Musa għallimni – bħala Nisrani li ngħix l-Afrika – metafora Afrikana mill-isbaħ, li aħna lkoll għandna niddjalogaw u naħdmu flimkien biex il-ġustizzja, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni jirrenjaw bejnietna u fil-pajjiżi tagħna.

Storja addattata minn: http://www.afriprov.org/african-stories-by-season/10-christian-values/55-god-is-like-a-large-baobab-tree.html

**Naħseb ftit:**

Jien, bħala Nisrani/ja, kif qed ngħix l-esperjenza li jkun hawn persuni ta' reliġjonijiet/twemmin differenti f'pajjiżi? Hemm esperjenza ta' ġustizzja, paċi u rikonċiljazzjoni bejnietna?

**Nitlob:**

Alla Missier, għinna biex ikollna l-għaqda ma' persuni ta' twemmin differenti u biex inħaddnu l-valuri tar-rikonċiljazzjoni, ġustizzja, paċi u ħniena. Agħmel li aħna, bħala Nsara, inkunu xhieda tiegħek bl-azzjonijiet żgħar tagħna, kull fejn inkunu madwar id-dinja.

**Kliem ta' dawl:**

Aħna naħsbu li dak li qed nagħmlu hu biss qatra f'oċean. Iżda l-oċean ikun ferm inqas minħabba dik il-qatra li ma nkunux tfajna aħna. *Madre Tereża*

**X'nista' nagħmel:**

Kull meta niltaqa' ma' persuna – fit-triq, f'ħanut, waqt xi *meeting* jew ix-xogħol – li hi ta' reliġjon jew twemmin differenti, noffrilu/ha tbissima jew għajnuna f'każ li jkun hemm bżonn.